

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni sussidjarja li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata bi żball ta' fatt u ta' liġi u hija bbażata fuq motivazzjoni insuffiċjenti.
 - Id-deċiżjoni tiżbalja meta tgħodd għal darbtejn id-dħul li ġie ttrasferit mir-rikorrenti lil destinatariju ieħor tad-deċiżjoni.
 - Id-deċiżjoni tiżbalja meta tonqos milli tirrikonoxxi l-aġir sostanzjalment iktar limitat tar-rikorrenti meta mqabbel ma' ċerti destinatariji oħra tad-deċiżjoni u għalhekk meta tonqos milli tapplika għar-rikorrenti koeffiċjent ta' gravità iktar baxx u ammont addizzjonali iktar baxx u/jew tnaqqis minħabba ċirkustanzi attenwanti.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Diċembru 2015 – Quanta Storage vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-772/15)

(2016/C 098/64)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Quanta Storage, Inc. (Taoyuan City, it-Tajwan) (rappreżentanti: B. Hartnett, Barrister, O. Geiss, avukat, u W. Sparks, Solicitor)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-21 ta' Ottubru 2015, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Enonomika Ewropea, mogħtija fil-Każ AT.39639 – apparat li jaqra d-diski ottiċi, sa fejn tikkonċerna lir-rikorrenti;
- sussidjarjament, tnaqqas l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti, l-obbligu ta' motivazzjoni u d-dritt għal amministrazzjoni tajba.
 - Id-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq konstatazzjoni ta' każijiet ta' ksur li ma kinux ġew allegati fil-konfront tar-rikorrenti matul il-proċedura amministrattiva.
 - Id-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq preżunzjonijiet dwar it-trasparenza fis-suq li l-Kummissjoni naqset milli tinvestiga fil-fond.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-diskrepanza bejn id-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata u r-raġunament tal-Kummissjoni dwar it-tul tal-ksur f'dak li jirrigwarda Hewlett Packard tirriżulta fi żball manifest ta' liġi u tikser l-obbligu ta' motivazzjoni.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni naqset milli tipprova u milli timmotiva b'mod adegwat l-fatt li r-rikorrenti pparteċipat fi ksur uniku u kontinwu.
 - Ir-rikorrenti ma pparteċipatx fil-ksur allegat bejn l-14 ta' Frar 2008 u d-9 ta' April 2008.

- Ir-rikorrenti ma pparteċipatx fil-ksur allegat bejn l-10 ta' April 2008 u s-27 ta' Ottubru 2008.
 - Ir-rikorrenti ma pparteċipat f'ebda ksur fit-28 ta' Ottubru 2008.
 - Ma ġiex ipprovat b'mod suffiċjenti li r-rikorrenti kienet konxja mill-pjan globali tal-akkordju jew mill-portata ġenerali u mill-karatteristiċi essenzjali tiegħu.
 - Konsegwenzi legali tan-nuqqas tal-Kummissjoni li tipprova l-ksur allegat.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni naqset milli tistabbilixxi suffiċjentement skont il-liġi li hija kellha ġurisdizzjoni sabiex tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE.
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żbalji manifesti ta' fatt u ta' liġi fil-kalkolu tal-ammont tal-multa u kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.
- Il-Kummissjoni wettqet żbalji ta' fatt u ta' liġi meta kkalkolat l-ammont bażiku u ma mmotivatx id-deċiżjoni tagħha.
 - Il-Kummissjoni naqset milli tuża l-aħjar ċifri disponibbli dwar il-valur tal-bejgħ tar-rikorrenti.
 - Il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament meta kkalkolat l-ammont bażiku.
 - Il-Kummissjoni wettqet żbalji ta' evalwazzjoni meta kkunsidrat il-gravità u ċ-ċirkustanzi attenwanti.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Jannar 2016 – Hitachi-LG Data Storage u Hitachi-LG Data Storage Korea vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-1/16)

(2016/C 098/65)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Hitachi-LG Data Storage, Inc. (Tokyo, il-Ġappun) u Hitachi-LG Data Storage Korea, Inc. (Seoul, ir-Repubblika tal-Korea) (rappreżentanti: L. Gyselen u N. Ersbøll, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tnaqqas l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti mill-Artikolu 2(d) tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-21 ta' Ottubru 2015, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Enonomika Ewropea, mogħtija fil-Każ AT.39639 – apparat li jaqra d-diski ottiċi, b'mod li jirrifletti ċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.